# PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 29 TA’ SETTEMBRU, 2022**

**Kawza Numru: 10**

**Rik. 1212/2020 RGM**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**vs.**

**Datcroft Games Limited**
**(C 64338)**

**Il-Qorti:**

Din hija deċiżjoni finali dwar rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi mressaq bis-saħħa tal-**Artikolu 9 tal-Ordni dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta’ Talbiet li Għandhom x’jaqsmu ma’ Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra (Leġislazzjoni Sussidjarja nru**

**460.08 - Avviż Legali nru 153 tas-sena 2012)** li permezz tiegħu qed jintalab li l-Qorti (1) tinnotifika lis-soċjeta' intimata bir-rikors u d-dokumenti annessi miegħu, u (2) tordna r-reġistrazzjoni tal-Istrument Uniformi Li Jippermetti Infurzar maħruġ mill-awtorita' Tedeska anness mar-rikors sabiex tali dokument jiġi dikjarat bħala titolu eżekuttiv.

Ir-**rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi** ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2020 jaqra kif ġej:

"Illi d-Direttiva tal-Kunsill Nru. 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-Assistenza Reciproka ghall-Irkupru ta' talbiet relatati ma' Taxxi, Dazji u Mizuri Ohra hija implimentata u suggetta ghall-ligi ta' Malta permezz ta' l-Ordni tal-2012 dwar l-Assistenza Reciproka ghall-Irkupru ta' Talbiet li ghandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Mizuri Ohra (Avviz Legali Nru. 153 tas-sena 2012);

Illi bis-sahha ta' din l-Ordni u ta' din id-Direttiva, l-Kummissarju tat-Taxxi f'isem il-Ministeru tal-Finanzi, bhala l-Awtorita' kompetenti f'Malta, hu moghti l-poter sabiex meta jkun hemm talba valida minn Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea hu jkun jista' jigbor it-taxxa dovuta lil dak l-Istat Membru meta tali persuna li ghandha dak id-dejn tkun tinsab f'Malta;

Illi skond l-istess Ordni u Direttiva tali talba minn Stat Membru tigi ttrattata bhallikieku din kienet talba dwar dejn civili dovut lil Gvern ta' Malta u li l-awtorita' kompetenti f'Malta tkun awtorizzata kif imiss li tigbor;

Illi s-socjeta' intimata giet indikata mill-awtorita' kompetenti Germaniza, membru ta' l-Unjoni Ewropea, bhala persuna li ghandha

kont ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-ammont ta' tmint elef seba' mija tlieta u sebghin Ewro u disgha u tletin centezmu (€8,773.39), u dan kif jirrizulta mill-istrument anness ma' dan ir-rikors bhala Dok. A, flimkien ma' l-imghaxijiet skond il-ligijiet ta' Malta, dovuti mis-socjeta' intimata mid-data tan-notifika ta' dan ir-rikors sad-data tal-pagament effettiv;

Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba gew imharsa l-htigijiet kollha relevanti tad-Direttiva hawn fuq imsemmija;

Illi s-socjeta' intimata hi socjeta' Maltija u ghalhekk ghandha presenza u indirizz f'Malta u ghalhekk ir-rikorrent ghandu d-dritt li jigbor minghandha l-ammont totali hawn fuq imsemmi f'isem l-awtorita' kompetenti tal-pajjiz membru ta' l-Unjoni Ewropea hawn fuq imsemmi;

Illi skond l-Ordni u d-Direttiva hawn fuq imsemmija din il-Qorti hija moghtija l-poter u l-obbligu li tirregistra d-dokumenti annessi ma' dan ir-rikors u dawk id-dokumenti ghandhom, malli jsir dan, jikkostitwixxu titolu ezekuttiv, kif ukoll li tinnotifika lis-socjeta' intimata b'dan ir-rikors u bid-dokumenti mieghu annessi.

Ghaldaqstant, l-esponent, skond il-poteri lilu moghtija ai termini tad-Direttiva hawn fuq imsemmija, jitlob bir-rispett lil din il-Qorti joghgobha, fl-ewwel lok tordna r-registrazzjoni tad-dokument anness ma' dan ir-rikors bhala kopja ufficjali taghha biex b'hekk l-istess dokument jikkostitwixxi titolu ezekuttiv u fit-tieni lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors u tad-dokument mieghu anness jigu notifikati lis-socjeta' intimata skond id-disposizzjonijiet relevanti

tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bhallikieku dan ir-rikors u dan id-dokument kienu att gudizzjarju."

B'digriet tal-24 ta' Diċembru 2020 l-qorti ordnat in-notifika tar-rikors u tad-dokumenti miegħu annessi lis-soċjeta' intimata bil-fakolta li tippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum.

Wara li t-tentativi ta' notifika ma kellhomx suċċess, fuq talba tal-kummissarju rikorrent il-qorti awtorizzat b'digriet tad-19 ta' Mejju 2021 in-notifika bil-mezz tal-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni.

Sal-14 ta' Frar 2022 il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern kienet għadha ma saritx. B'digriet tal-istess jum il-qorti ordnat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jieħu ħsieb il-pubblikazzjoni mingħajr aktar dewmien, liema pubblikazzjoni saret fil-ħarġa tal-11 ta' Marzu 2022 segwita minn żewġ pubblikazzjonijet f'żewġ gazzetti lokali fis-16 u fid-19 ta' Mejju 2022 rispettivament.

Fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2022 xhed Joseph Attard, senior manager fil-collection section tad-dipartiment tat-taxxi, fejn ikkonferma id-dokumenti annessi mar-rikors promotur u ddikjara li safejn jaf id-dipartiment ma kien tħallas xejn mill-ammont mitlub mill-awtorita' Tedeska.

Fl-istess jum ir-rikors tħalla għallum għad-deċiżżjoni.

Ikkunsidrat;

**Fatti.**

Fis-6 ta' Awissu 2020 l-awtoritajiet fiskali ġewwa l-Ġermanja bgħatu lill-awtoritajiet Maltin talba sabiex dawn ta' l-aħħar jgħinu lil ta' l-ewwel jiġbru taxxa dovuta ġewwa l-Ġermanja mis-soċjeta' intimata konsistenti taxxa fuq il-valur miżjud, liema talba saret fit-termini tad-**Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri oħra**

L-**Istrument Uniformi li Jippermetti l-Infurzar** mibgħut mill-awtorita' applikanti fil-Ġermanja (kopja tinsab f'paġna 3 tal-proċess) jiċċertifika illi s-soċjeta' intimata għandha tħallas is-somma globali ta' tmint elef, seba' mija u tlieta u sebgħin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€8,773.39).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Ir-rikors promotur ġie intavolat bis-saħħa tal-**Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08** li implimentat fil-liġijiet Maltin id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra, intiża sabiex tiffaċilita' il-ġbir tat-taxxi dovuti lill-Istati Membri individwalment minn persuni li jkunu jirrisjedu fi Stat Membru Ewropew ieħor.

Skond **Artikolu 9 tal-Liġi Sussidjarja 460.08:**

(5) L-awtorità rikjesta, meta tirċievi l-istrument li jippermetti l-infurzar, tista' titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza superjuri tagħha, kif ikun il-każ, permezz ta' rikors, biex tordna r-reġistrazzjoni tal-imsemmi dokument, u biex tiddikjara li r-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva

jkunu ġew imħarsa. It-talba għandha tiġi speċifikata fil-munita Maltija.

(6) Il-Qorti għandha tordna li kopja tal-imsemmi rikors u tad-dokument għandhom jiġu notifikati lid-debitur u lil kull parti oħra indikata fir-rikors.

(7) Il-Qorti għandha tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument inkwistjoni, u d-dokument għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

(8) Ir-Reġistratur tal-Qrati għandu jżomm record u kopja tar-rikorsi kollha li għalihom japplika dan l-artikolu. Huwa għandu minnufih jinforma lill-awtorità rikjesta kull meta issir notifika ta'dak ir-rikors u kull meta tiġi identifikata jew tinqala' diffikultà b'konnessjoni mal-eżekuzzjoni ta' xi notifika bħal din.

Kif rajna mill-bran meħud mill-artikolu tal-liġi sussidjarja applikabbli, mhux mitlub li l-Qorti tagħmel xi indaġini dwar il-fondatezza tat-talba mill-awtorita' rikjedenti. Il-liġi titfa' l-oneru tal-indaġini dwar il-fondatezza tat-talba mill-awtorita' rikjedenti fuq il-Kummissarju tat-Taxxi bħala l-awtorita' kompetenti kif delegata mill-Ministru għall-Finanzi. Kull ma hu meħtieġ għalhekk da parti tal-Qorti huwa li ssir il-verifika li l-iStrument Uniformi anness mar-rikors jissodisfa r-rekwiżiti formali u li l-intimat ġie notifikat skond il-liġi.

B'referenza għall-**Artikolu 14 tad-Direttiva 2010/24 u għall-Artikolu 12 tal-L.S. 460.08** ma jirriżultax illi l-istrument uniformi li l-awtorita' applikanti qed titlob li jkun enforzabbli bħala titolu eżekuttiv fil-Gzejjer Maltin ġie kontestat ġewwa l-Ġermanja.[1]

---

[1] Artikolu 12 tal-LS. 460 bħal l-Artikolu 14 (1) tad-Direttiva 2010/14 jipprovdu illi tali kontestazzjoni trid issir fl-Istat Membru tal-awtorita' applikanti u mhux fl-Istat Membru tal-awtorita' rikjesta.

Mill-banda l-oħra jirriżulta illi l-istrument uniformi anness mar-rikors jissodisfa r-rekwiżkiti formali sew ta' forma sew ta' kontenut. Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' intimata ġiet notifikata bil-mezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u la ppreżentat risposta u lanqas deher rappreżentant tagħha fis-seduta quddiem il-qorti.

**Decide.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi r-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi tat-18 ta' Diċembru 2020 bil-mod segwenti,**

1. **Tilqa' t-talbiet tal-Kummissarju tat-Taxxi;**

2. **Tordna r-reġistrazzjoni tal-Istrument Uniformi li Jippermetti l-Infurzar mibgħut mill-awtoritajiet Tedeski u dan ai termini tal-Artikolu 9 (7) tal-Liġi Sussidjarja 460.08;**

3. **Tiddikjara li tali dokument għandu jitqies bħala titolu eżekuttiv ġewwa Malta.**

**Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata.**

---

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
29 ta' Settembru 2022

---

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**